MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 46

Il-Ħamis 7 t'April 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 7 t'April 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

46.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

46.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 45 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

46.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

46.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 46.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

46.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri informa lill-membri li l-Kunsill ġie allokat ħames ħaddiema ġodda mill-iskema CWSEF.

46.3.2 Is-Sindku għarraf li qabel din il-laqgħa saret il-laqgħa annwali tal-lokalita' li matul din il-laqgħa ġew elenkati l-proġetti u x-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa fil-lokalita u l-pjan ta' ħidma għal din is-sena. Ir-rapport finanzjarju u amministrattiv ġew ukoll preżentati waqt din il-laqgħa kif ukoll intlaqgħu xi suġġerimenti li tressqu mir-residenti preżenti.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 46.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

46.4.1 Il-Kunsilliera Juliet Attard ressqet ilment minn xi residenti dwar storbju tal-vetturi roti bil-mutur fil-ħinijiet ta' nofsinhar. Is-Sindku wieġeb li ser ngħaddu l-iment lill-*Community Police*. Il-Kunsilliera staqsiet ukoll dwar l-ilment li kien tressaq f'laqgħa preċedenti biex titranġa bankina fi Triq San Pawl. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

46.4.2 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar bankijiet li nqalgħu fi Triq ir-Rabat fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li minn informazzjoni li għandu, dawn inqalgħu mill-Gvern Ċentrali minħabba applikazzjoni ta' *tables and chairs*.

46.4.3 Il-Viċi Sindku Carmela Parnis staqsiet dwar iż-żbir tal-bruk fix-Xlendi minħabba li riesaq l-istaġun tas-Sajf. Is-Sindku wieġeb li ser issir applikazzjoni biex jinġieb il-permess mal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi.

## 46.5 Proġetti fil-Lokalita';

46.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja miexi b'rittmu tajjeb u qed jiġi ffinalizzat kont *interim* sabiex jiġi ppreżentat lill-Ministeru Għal Għawdex biex eventwalment jgħaddulna l-fondi għalih.

46.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi miexi ġmielu u bħalissa qed isiru x-xogħlijiet fuq ġewwa. Il-proġett mistenni li jiġi ffinalizzat sal-aħħar ta' Ġunju 2022.

46.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett ta' Triq L-Isqawi għaddej ukoll u l-attivita' marbuta ma' dan il-proġett qed toqrob ukoll bid-data mħabbra għat-30 t'April 2022.

45.5.4 Rigward l-implimentazzjoni tal-proġett minn fondi ewropej 'Rejuvinating Gozo', is-Sindku għarraf lill-membri li jinsab fil-fażi finali tiegħu bl-installazzjoni tas-*safety mats* fi Ġnien il-Professur Aquilina li hija kompluta filwaqt li bħalissa għaddejjin bl-installazzjoni tas-*syntethic pitch* fiċ-Ċentru Parrokkjali.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 46.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

46.6.1 Il-Kunsill irċieva rapport mingħand Transport Malta b'talba biex issir *disabled parking bay* fi Triq il-Kantra. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta li fl-istess triq diġa' hemm tlett parkeġġi simili u li l-Kunsill għandu talba oħra pendenti għall-istess ħaġa.

46.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri ittra mill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill dwar *increment* fin-*notch* tal-iskala għal *notch* 7 li tidħol fis-seħħ mas-salarju tax-xahar ta' Mejju 2022 'il quddiem skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

46.6.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu sabiex bħalma kien isir qabel il-pandemija, terġa' tibda torganizza sessjonijiet ta' qari ta' stejjer għat-tfal sa tlett snin ġewwa l-Munxar taħt il-programm 'Aqra Miegħi/Read with Me'. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jinforma lill-Kappillan dwar dan u jekk ma jsibx oġġezzjoni, dan il-programm isir bħalma kien isir qabel.

46.6.4 Ċirkulari DLG 4/2022 – Proċedura dwar Sindki u Kunsillieri Eletti fil-Kamra tad-Deputati fl-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.5 Ċirkulari Nru AKL 2022/029 – European opportunity for young local and regional politicians. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.6 Ċirkulari Nru AKL 2022/030 – Information Session – Servizzi provduti mill-Jobsplus. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.7 Ċirkulari Nru AKL 2022/031 – Sport & Physical Activity – Physco Social Perspective of Sports and Exercise Training Session 12/04/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.8 Ċirkulari Nru AKL 2022/032 – AKL Webinar – Info Session Best Animal Society 21/04/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.9 Ċirkulari Nru AKL 2022/033 – AKL Webinar – Diversity and Inclusion on Social Integration 28/04/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

46.6.10 Ċirkulari Nru AKL 2022/034 – Training Session – Diversity & Local Council Performance 19/04/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.11 Ċirkulari Nru AKL 2022/035 – Training Session – Personal Development – Public Speaking 10/05/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.12 Ċirkulari Nru AKL 2022/036 – Training Session – Personal Development – Speechwriting 17/05/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

46.6.13 Ilment 15/2022
Resident jitlob sabiex issir *dropkerb* fil-bankina quddiem il-bieb tar-residenza sabiex ikollu aċċess b'siġġu tar-roti. Kien hemm qbil mill-membri għal dan.

46.6.14 Ilment 16/2022
Resident jilmenta dwar skart goff u skart domestiku li qed jitħalla fl-inħawi ta' Triq il-Qsajjem mhux skont il-ġranet u l-ħinijiet indikati mill-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri sabiex x'ħin isir rapport fl-inħawi tittieħed azzjoni immedjata u fakkar li l-Kunsill flimkien mal-Community Police ser ikunu qed iqassmu fuljett bl-informazzjoni lil kull residenza biex jiżdied l-għarfien u jitnaqqas l-abbuż.

46.6.15 Ilment 17/2022
Ilment biex isir xogħol ta' repainting tal-marki stradali fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex filwaqt li l-Kunsill jaħseb għall-materjal.

46.6.16 Ilment 18/2022
Jitlob sabiex isiru metru *double yellow lines* kull naħa tal-garaxx fi Triq San Pawl. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

46.6.17 Ilment 19/2022
Jitlob sabiex isiru *gutters* tal-ħadid għall-ilqugħ tal-ilma quddiem Pirates Galley Restaurant f'Xatt ix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

46.6.18 Ilment 20/2022
Jitlob sabiex issir bankina ġdida quddiem binja fi Triq il-Kantra fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

46.6.19 Ilment 21/2022
Jitlob għall-provvista ta' kurduni biex issir manutenzjoni fi Triq ir-Rumani fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir it-talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

46.6.20 Ilment 22/2022
Talba mis-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin sabiex il-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' *cherry picker* fiż-żmien tal-Festa kif ukoll biex isiru xi toqob ġodda għall-antarjoli tal-festa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

46.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 46/2022-8 għall-perjodu bejn it-18 ta' Marzu 2022 u s-7 t'April 2022 li tammonta għal €48,902.16 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Viċi Sindku Carmela Parnis is-sekondant.

## 46.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

46.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 12 ta' Mejju 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 12 ta' Mejju 2022.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |